MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 12/19 LM

**Nazzareno Fenech (K.I. numru 553157M)**
*(l-appellant)*

***vs.***

**Sammy Ellul eżerċitanti l-kummerċ bħala**
**Ellul Classic Design Woodworks Limited**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Nazzareno Ellul** (K.I. numru 553157M) [minn issa 'l quddiem "l-appellant"] mid-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Diċembru, 2019, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz

tagħha ddeċieda billi ċaħad it-talba tiegħu kontra l-intimat **Sammy Ellul** [minn issa 'l quddiem "l-appellat"], u ordna lill-istess intimat iqiegħed il-bibien inkwistjoni bil-prezz ridott bl-ammont ta' €300.00 (tliet mitt Euro) fuq il-prezz finali, bl-ispejjeż jitħallsu ugwalment bejn il-partijiet.

## <u>Fatti</u>

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw talba għal rifużjoni ta' depożitu li l-appellant ħallas lill-appellat meta għamel ordni għall-manifattura u tqegħid ta' tliet bibien fl-14 ta' Jannar, 2019. Fil-fattura li nħarġet lill-appellant mill-appellat dakinhar, il-bibien kellhom possibilment jiġu kkonsenjati f'April jew Mejju tal-istess sena, iżda tlestew fil-25 ta' Ġunju, 2019. Kien proprju f'dak iż-żmien li l-appellant talab sabiex il-bilanċ tal-prezz iħallsu permezz ta' pagamenti mensili ta' €500 kull wieħed, imma l-appellat sostna li kellu jinżamm il-ftehim oriġinali fejn il-bilanċ kellu jitħallas mat-tqegħid tal-bibien.

## <u>Mertu</u>

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż fit-30 ta' Awwissu, 2019, fejn talab għall-ħlas ta' danni fl-ammont ta' €2,530.00 (elfejn ħames mija u tletin Euro), rappreżentanti l-prezz ta' tliet bibien li huwa kien ordna mingħand l-appellat, iżda li ma ġewx ikkonsenjati kif miftiehem.

4. L-appellat wieġeb billi qal li wara li tlestew il-bibien, l-appellant insista li huwa seta' jħallas il-bilanċ tal-prezz permezz ta' pagamenti mensili ta' €500.00 (ħames mitt Euro).

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna 3 bibien sabiex jitwaħħlu ġewwa d-dar tar-rikorrenti stess. Minkejja diversi interpellanzi dawn il-bibien ma kinux lesti fil-ħin, però ġara li f'Awwissu kienu lesti, u f'dak iż-żmien ir-rikorrenti m'aċċettahomx.*

*L-intimat issottometta illi d-dewmien kien minħabba r-rikorrenti li kien siefer u mbagħad meta ġie lura qallu li ma kellux flus biex iħallas, u li għaldaqstant il-bibien huma lesti u sprenjati wkoll, u li jista' jwaħħalhom.*

*It-Tribunal, wara li ra u sema' lill-partijiet, jinnota li din spiċċat pika bejn il-partijiet u li m'għandux ikun hekk. Illi jekk il-bibien tlestew, dawn għandhom jitwaħħlu u r-rikorrenti għandu jħallas lill-intimat. Però tad-dewmien, l-intimat irid iħallas ċertu danni illi skont it-Tribunal kellu ftit tort fiha."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-23 ta' Diċembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tvarja l-imsemmija sentenza appellata billi filwaqt li tagħtih dawk id-danni spettanti lilu stante li l-appellat ma żammx mal-ftehim ta' bejniethom, tiddikjara xolt dak l-istess ftehim, bl-ispejjeż kontra l-appellat. L-appellant

iressaq dawn it-tliet aggravji: (a) it-Tribunal iddeċieda li l-ftehim bejn il-partijiet kellu jibqa' ħaj meta l-appellant qatt ma ra l-bibien lesti; (b) is-sentenza ma tagħtix rimedju fl-eventwalità li l-bibien ma jitwaħħlux; u (ċ) jekk il-bibien kienu lesti, dawn kellhom jiġu depożitati fir-Reġistru tal-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellat min-naħa tiegħu u għal dawk ir-raġunijiet li jfisser fir-risposta tiegħu, isostni li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellat, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju:* *it-Tribunal iddeċieda li l-ftehim għandu jibqa' ħaj*
*It-tielet aggravju:* *l-appellant ma jridx jibqa' marbut*

9. L-ewwel u t-tielet aggravju mressqa mill-appellant ser jiġu ttrattati flimkien stante li l-osservazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet li ser tagħmel din il-Qorti jolqtu lil dawn iż-żewġ aggravji. L-appellant ifisser l-ewwel aggravju tiegħu billi filwaqt li jagħmel riferiment għad-deċiżjoni tat-Tribunal li l-ftehim

għandu jibqa' ħaj, jissottometti li dan ma setax ikun fejn il-bibien saħansitra qatt ma ntwerew lesti lilu. Huwa min-naħa tiegħu kien tilef kull fiduċja fl-appellat u dan jerġa' jtennih hekk kif l-appellant ifisser it-tielet aggravju tiegħu. Iżid igħid li jekk verament il-bibien kienu lesti, allura x'kienet ir-raġuni għaliex l-appellat ma ddepożitahomx permezz ta' ċedola ta' depożitu ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti. Itenni għal darb'oħra li huwa għadu bla bibien, għalkemm l-appellat qed jinsisti li dawn lesti u b'dispjaċir huwa baqa' marbut miegħu minkejja li ma xtaqx li jibqa' hekk.

10. L-appellat jilqa' billi jissottometti li l-appellant kien jaf sew li l-kliem fuq il-fattura *"possible delivery April May"* kienu biss indikazzjoni ta' meta l-bibien kienu ser jitlestew. Jispjega li wara kollox l-appellant f'Mejju 2019 kien għadu qed jagħżel il-kulur tal-bibien u t-terminu ġie estiż minnu stess għal Lulju 2019 kif jindika l-appellant stess fir-rikors tal-appell tiegħu. Il-bibien fil-fatt kienu lesti f'Lulju 2019 u ġaladarba dawn tlestew, ma kien hemm l-ebda raġuni valida għaliex it-Tribunal ma kellux iqis li l-ftehim kien għadu validu. Iżda hekk kif l-appellant induna li huwa ma kienx jiflaħ iħallas il-bilanċ sħiħ u li l-pagament bin-nifs ma kienx ġie aċċettat, beda jittenta jaħrab ir-responsabbilitajiet tiegħu billi jgħid li l-bibien mhux lesti.

11. Kif sewwa jirrileva l-appellant, it-Tribunal ma ddikjarax il-ftehim ta' bejn il-partijiet xolt, iżda filwaqt li osserva li jekk il-bibien tlestew dawn kellhom jitwaħħlu, osserva wkoll li l-kwistjoni kienet spiċċat f'pika bejn il-partijiet. L-appellat min-naħa tiegħu jiddikjara fir-rigward tat-tielet aggravju li huwa kien lest li jiddepożita l-bibien fir-Reġistru tal-Qorti, iżda dan sakemm jiġi depożitat ukoll il-bilanċ ta' €1,930 min-naħa tal-appellant.

12. It-Tribunal wasal għal dan kollu wara li ħa konjizzjoni tal-provi miġjuba quddiemu u din il-Qorti tikkunsidra li hawnhekk l-appellant qed jitlob lill-Qorti sabiex tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid ta' dawk il-provi. Kif huwa sew assodat fil-ġurisprudenza tal-qrati tal-appell, qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament tal-provi magħmula minn qorti jew tribunal tal-ewwel grad, iżda dan il-prinċipju ġenerali jsib l-eċċezzjoni tiegħu fejn id-deċiżjoni ma setgħetx intlaħqet b'mod raġonevoli u li bħala konsegwenza tat lok għal preġudizzju lil parti jew oħra.

13. Għalhekk din il-Qorti ser teżamina l-provi fil-parametri imposti b'dan il-prinċipju. Issa kif sewwa jirrileva l-appellat, fir-rikors tal-appell stess l-appellant jammetti li kwalunkwe terminu li allegatament seta' kien hemm, kien ġie estiż diversi drabi minnu stess volontarjament. Fit-3 ta' Lulju, 2019, intbagħat messaġġ mingħand ċertu Rita għal Ellul Clasic Design Woodwork lill-appellant, liema messaġġ ma ġiex kontestat mill-istess appellant, fejn infurmatu li l-bibien kienu ilhom lesti ħmistax-il jum u li kif ikollu l-bilanċ sħiħ f'idu, huma kienu lesti biex iwaħħluhom. Imbagħad mill-fattura maħruġa mill-appellat, din il-Qorti tista' tagħmel faċilment dawn l-osservazzjonijiet:

(a) fuqha hemm il-firma tal-appellat u anki l-firma tal-klijent, li tassumi hija dik tal-appellant stante li dan bl-ebda mod ikkontestaha, u għalhekk il-fattura hija evidenza ċara tal-ftehim bejn il-partijiet;

(b) m'hemmx indikata data għall-konsenja tal-bibien peress li hemm indikazzjoni biss ta' *"possible delivery April May"*; u

(ċ) il-kulur tal-i*spray* mhux indikat u dan jikkorrabora dak li qalet Rita Ellul waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2019, li *"meta ċempiltlu għal kulur beda jkellimni ħażin. Meta ġie biex jagħżel il-kulur kien staqsieni biex nagħtih* sample *biex joħodha juriha lill mara u jien aċċettajt".*

14. Minn dan kollu l-Qorti tifhem li l-ebda data ma ġiet stabbilita bejn il-partijiet għall-konsenja tal-bibien. Tirriżulta biss indikazzjoni da parti tal-appellat, aċċettata saħansitra mill-appellant, għal konsenja f'April jew Mejju tas-sena 2019 sussegwenti għall-istess ordni li saret fl-14 ta' Jannar, 2019. Jirriżulta wkoll li l-bibien kienu lesti għall-ħabta ta' nofs Ġunju wara li l-appellant saħansitra kien mar jagħżel il-kulur u ngħata *sample* biex jurih lil ħaddieħor. Fl-ittra tiegħu lill-appellant tat-8 ta' Lulju, 2019, l-appellat jiddikjara li l-bibien fil-fatt kienu ilhom lesti mill-25 ta' Ġunju, 2019. Fl-ebda mument sa dakinhar ma jirriżulta li l-appellant wera xi xewqa li jxolji l-ftehim ta' bejniethom, anzi meta l-appellat ċempillu qabel ma ntbagħat il-messaġġ fuq imsemmi tat-3 ta' Lulju, 2019, sabiex ipoġġi l-bibien fil-post, l-appellant għamel talba sabiex iħallas il-bilanċ permezz ta' pagament ta' €500.00 fix-xahar. Stante li għalhekk ma jirriżulta l-ebda dewmien bi ksur tal-ftehim li jista' jiġi attribwit lill-appellat, it-Tribunal ma setax jiddikjara li l-partijiet kienu nħallu mill-ftehim ta' bejniethom skont kif jipprovdi l-artikolu 1385 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-ewwel u t-tielet aggravju tal-appellant mhumiex ġustifikati u tiċħadhom.

*It-tieni aggravju:* *is-sentenza ma tagħtix rimedju fl-eventwalità li ma jitwaħħlux il-bibien*

16. L-appellant jispjega t-tieni aggravju tiegħu billi jirrileva li s-sentenza appellata ma tipprovdix għall-eventwalità fejn l-appellat jonqos milli jqiegħed il-bibien f'posthom. It-Tribunal saħansitra naqas milli jagħti terminu sabiex jiġi eżegwit dan ix-xogħol.

17. Dwar dan it-tieni aggravju, l-appellat jissottometti li t-Tribunal kien fehem li l-bibien kienu lesti u hu kien u għadu disponibbli sabiex iqegħedhom fil-lok hekk kif l-appellant iħallas il-bilanċ ta' €1,930.

18. Din il-Qorti tikkonsidra dak li jipprovdi għalih ir-Regolament 16.4 tal-L.S.378.01 intestat Regoli dwar it-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur, li jagħti t-Tribunal il-poter li jsewwi deċiżjoni tiegħu stess:

> *"16.4 Arbitru jista' jsewwi żball jew omissjoni aċċidentali li jsiru f'deċiżjoni, u jista' iktar minn hekk jipprovdi dwar spejjeż, mgħax jew kull ħaġa oħra li ma tkunx ingħatat deċiżjoni dwarha iżda li fil-fatt kellha tingħata tali deċiżjoni".*

19. Għalhekk tqis li l-appellant qabel ma ġie quddiem din il-Qorti, kellu rimedju ċar u effettiv għal-lanjanza tiegħu u ma kienx hemm bżonn proprju ta' dawn il-proċeduri sabiex jingħata dak ir-rimedju f'ċirkostanzi ipotetiċi.

20. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx it-tieni aggravju tal-appellant ġustifikat u qiegħda tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**